ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Karta Mudell 2020**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

**L-isem u l-kunjom:** ______________________________ **Il-klassi:** _________

| Il-Marki | |
|---|---|
| Il-Fehim mill-Qari | Il-Kitba |
| ______ 30 marka | ______ 30 marka |

Aqra sew dan li ġej:

- Ikteb ismek, kunjomok u l-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, aqra u ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn. Imbagħad erġa' ppruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Qis li ma tħalli barra xejn.

## IL-FEHIM MILL-QARI

**A. Aqra din l-istorja: Il-Ħrafa tat-Tliet Prinċpijiet (15-il marka)**

Darba waħda kien hemm tliet prinċpijiet. Missierhom, raġel anzjan imma li kien iżommha, riedhom imorru jduru d-dinja kollha sabiex isibu tliet ħwejjeġ tal-għaġeb. **(paragrafu 1)**

Il-kbir, Mattew, dam ħafna jfittex u fl-aħħar sab mera tal-għaġeb. Meta kont tħares fiha u taħseb f'xi ħadd, kont tista' tarah minnufih. Il-fustani, Mark, wara ħafna ġiri, sab tuffieħa tas-sħarijiet. Jekk xi ħadd ikun marid u jxommha, ifiq minnufih. Iż-żgħir, Mikiel, dar ħafna postijiet u fittex kemm felaħ. Għall-bidu ma sab xejn, imma ma qatax qalbu. Fl-aħħar sab tapit misterjuż. Ma batiex għalxejn. Dan it-tapit mhux biss itir imma wkoll iwasslek malajr kull fejn tixtieq tmur, ikun bogħod kemm ikun, bla problemi ta' xejn. **(paragrafu 2)**

Fl-aħħar tas-sena, it-tliet prinċpijiet iltaqgħu u wrew lil missierhom l-affarijiet li kienu sabu. Missierhom fela kull ħaġa imma ma setax jiddeċiedi ta' min kienet l-aħjar ħaġa tal-għaġeb. Kollha bdew jogħġbuh u xtaqhom li jużawhom biss f'każ ta' bżonn jew għajnuna. **(paragrafu 3)**

Ħarsu lejn il-mera tal-għaġeb u raw prinċipessa żagħżugħa u sabiħa, imma kienet marida u qiegħda tmut. "Kieku nista', immur malajr ħdejha. Kont infejjaqha bit-tuffieħa tiegħi," qal il-fustani qalbu sewda. "Irkbu fuq it-tapit ħalli neħodkom ħdejha," wieġeb iż-żgħir bi tbissima. F'kemm trodd salib, il-prinċpijiet sabu ruħhom ħdejn il-prinċipessa. Xammet it-tuffieħa u fieqet mill-ewwel. **(paragrafu 4)**

Fid-dinja kollox hu meħtieġ u qatt ma tista' tgħid x'inhu l-aħjar. Fuq kollox, kulħadd jgħix taħt saqaf wieħed u għandna bżonn xulxin, dejjem u kullimkien. **(paragrafu 5)**

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt.**

**1.** Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**. (4 marki)

| | | |
|---|---|---|
| **a.** | Missier il-prinċpijiet talabhom isibu tliet ħwejjeġ komuni. | ___________ |
| **b.** | Mark sab ħaġa li ttir u twasslek kullimkien. | ___________ |
| **ċ.** | Missierhom għażel liema kienet l-aħjar ħaġa minn dawk li sabu. | ___________ |
| **d.** | It-tliet prinċpijiet għenu lil xulxin biex salvaw lill-prinċipessa. | ___________ |

**2.** Aqta' linja taħt it-tajba. (2 marki)

(a) Il-mera tal-għaġeb

(i) turi l-wiċċ ta' min iħares lejha.
(ii) turi l-wiċċ tal-persuna li taħseb fiha.
(iii) turi l-wiċċ tal-ġenituri tiegħek.

(b) Missier il-prinċpijiet iddeċieda li dawn il-ħwejjeġ jintużaw biss

(i) biex jirbħu lill-għadu.
(ii) biex igawduhom huma.
(iii) biex jgħinu lil ħaddieħor.

**3.** Għala ħassew il-bżonn li jmorru jgħinu lill-prinċipessa żagħżugħa? (2 marki)

______________________________________________

______________________________________________

**4.** B'liema mod fieqet il-prinċipessa żagħżugħa? (marka)

______________________________________________

**Għarfien il-lingwa**

**5.** Minn paragrafu 4, sib u ikteb l-espressjoni li tfisser **imdejjaq**? (marka)

______________________________

**6.** Minn paragrafu 4, sib u ikteb l-espressjoni li tfisser **minnufih**? (2 marki)

______________________________

**7.** X'taħseb li tfisser l-idjoma **kulħadd jgħix taħt saqaf wieħed** li hemm fil-ħames paragrafu? (2 marki)

______________________________

______________________________

| **Marka għal tweġibiet mingħajr żbalji fil-kitba: ____________ minn marka** |
|---|

**B. Aqra l-istorja: Id-Denfil** **(15-il marka)**



Id-denfil huwa annimal ħelu ħafna u għalkemm ħafna jaħsbuh xi ħuta kbira, dan mhuwiex il-każ. **(paragrafu 1)**

Id-denfil jgħix kważi fl-ibħra kollha u ssibu dejjem qtajja' qtajja'. Id-dniefel iħobbu jiġru b'ħeffa kbira u jaqbżu qbiż li jgħaġġeb. Mhux l-ewwel darba rajniehom jaqbżu ferħana bejn Malta u Għawdex, aħna u sejrin bil-vapur. Is-sajjieda tagħna jgħidu wkoll li d-dniefel iduru mal-opri tal-baħar tagħhom huma u jistadu 'l barra għal-lampuki. **(paragrafu 2)**

Id-denfil jgħix minn dak li jipprovdilu l-baħar, bħalma huma l-ħut u l-qarnit. Id-denfil omm ikollha ż-żgħar minn wieħed sa tnejn fis-sena u trabbihom fuq il-ħalib tagħha. Iddum tieħu ħsiebhom bl-ikbar kura sakemm ikunu kibru. **(paragrafu 3)**

Il-baħħara jaraw id-denfil bħala annimal kwiet u ħabib. Huma jemmnu li d-denfil hu sinjal ta' risq u barka, u wegħda ta' baħar tajjeb. Jingħad ukoll li d-denfil huwa annimal intelliġenti u għandu wkoll il-lingwa tiegħu. Permezz tal-ħsejjes li jagħmlu b'ħalqhom, jiftiehmu ma' xulxin. L-akbar gost tagħhom hu l-logħob u l-qbiż fil-baħar. **(paragrafu 4)**

Insibu tipi differenti ta' dniefel fosthom id-denfil ta' geddumu qasir. Dan hu protett permezz ta' liġijiet lokali u internazzjonali u l-popolazzjoni tal-Mediterran hija meqjusa waħda vulnerabbli, mhedda li tinqered. Id-denfil ta' geddumu qasir, li jinstab fil-biċċa l-kbira tal-ibħra u l-oċeani, huwa mifrux sew fil-Mediterran. Ħafna drabi jinstab fi qtajja' ta' bejn tnejn u 15-il denfil f'ibħra kostali jew miftuħa. **(paragrafu 5)**

(*www.inewsmalta.com*)

**1.** Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (3 marki)

**a.** Id-denfil huwa annimal (mans, feroċi, selvaġġ).

**b.** Id-denfil omm trabbi ż-żgħar tagħha (bil-ħut li jieklu, bil-ħalib tagħha, bl-għalf tas-sajjieda).

**ċ.** Il-baħħara jemmnu li d-denfil iġib (l-inkwiet, is-saħta, ir-risq).

**2.** Qabbel il-kolonni skont is-sens tas-silta. (4 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **1.** | **Id-denfil ta' geddumu qasir** | | **a.** | jinsab fil-biċċa l-kbira tal-oċeani. |
| **2.** | Din l-ispeċi tinsab | | **b.** | permezz ta' ħsejjes li jagħmel b'ħalqu. |
| **3.** | Id-denfil jikkomunika | | **ċ.** | fi gruppi ta' tnejn jew iktar. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **4.** | Dan l-annimal kwiet | **1** | **d.** | **hu protett b'liġijiet internazzjonali.** |
| **5.** | Ħafna drabi ssibu dejjem | | **e.** | mhedda li tinqered. |

**3.** Imla l-vojt bil-kelma t-tajba li toqgħod skont is-silta. (marka)

**a.** Is-sajjieda jinnutaw li madwar id- _______________ tagħhom iduru d-dniefel.

**b.** Id-dniefel iħobbu jaqbżu u _____________ fil-baħar.

| |
|---|
| **Marka għal tweġibiet mingħajr żbalji fil-kitba: _____________ minn marka** |

**Il-Metalingwa**

Imla l-vojt skont il-kuntest. (4 marki)

**4.** Id-denfil huwa wieħed mill-_______________ (annimal) ħbieb tal-bniedem. Huwa jgħix fil-biċċa l-kbira tal-_______________ (baħar) fid-dinja, anke fil-Mediterran. Mhux l-ewwel darba li aħna _______________ (rajna) bejn Malta u Għawdex meta naqsmu bil-vapur. Meta qorob is-sajf, l-għalliema organizzat ħarġa sabiex immorru naraw id-dniefel u tgħidx kemm ħadna pjaċir. F'dik il-ġimgħa stess, l-għalliema ħejjiet lezzjoni sabiħa u _______________ (interess) dwar id-dniefel u tgħidx kemm ħadna gost!

**5.** Irranġa l-iżbalji ta' din is-sentenza billi żżidilha **2** sinjali tal-punteġġjatura:

**Fin-nofsinhar ta' Malta kien hemm inċident gravi li ħoloq ħafna traffiku storbju u dewmien bla bżonn.**

Iktibha **tajba** fil-linja t'hawn taħt. (marka)

_______________________________________________

_______________________________________________

**6.** Aqta' sing taħt it-tajba. (marka)

a. Ilbieraħ missieri żera' (**disa', disgħa**) siġriet fil-ġnien iż-żgħir li għandna fuq wara tad-dar.

b. Fir-rebbiegħa ħafna familji Maltin iħobbu jmorru passiġġata qalb il-(**wiedien, widien**) u jqattgħu ftit ħin hemmhekk għall-kwiet.

**IL-KITBA** **(30 marka)**

**A.** Lista ta' kliem **(10 marki)**

Ikteb lista ta' għaxar kelmiet li ssib f'din l-istampa.



______________________________________________

______________________________________________

**B.** Agħżel titlu **WIEĦED** minn dawn it-tnejn: **(20 marka)**

**B. 1. Ikteb ġurnata mid-djarju ta' għalliem/a.**

**JEW**

**2. Immaġinak id-dar u ċempilt lill-ħabib/a tiegħek. Ikteb id-djalogu li kien hemm bejnietkom.**

B.i. Jekk trid, agħmel il-pjan tad-djarju/djalogu li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.

Kitba ________ (Ikteb 1 *jew* 2)

B.ii. Il-kitba għandha tkun twila bejn 70 u 100 kelma.

Agħti titlu għall-kitba tiegħek. Ikteb ċar u bla żbalji.

– Tmiem il-Karta –